Verzjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,730, 5 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 420 tal-2021

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Simplifikazzjoni ta' Pattijiet u Kundizzjonijiet dwar Prodotti tad-Difiża, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 117. 32.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (h) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "prodotti relatati mad-difiża." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "prodotti relatati mad-difiża;" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1047 tal-5 ta' Marzu 2021 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża f'konformità mal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea aġġornata tas-17 ta' Frar 2020.".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA
LISTA TA' PRODOTTI RELATATI MAD-DIFIŻA

L-Anness tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2021/1047 għandu jkun applikabbli fl-intier tiegħu bħala l-Iskeda għal dawn ir-regolamenti.".